MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Avviz Numru. 6/2014

**Carmel Cauchi u Emanuel Cauchi**

**vs**

**Mary Jane Attard, Francesca Bugeja, John Cauchi u ghal kull interess li jista' jkollha Josephine sive Joyce Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' Carmel Cauchi u Emanuel Cauchi fejn ippremettew kif isegwi:

'Premess illi l-kontendenti kollha barra Josephine Farrugia dehru fuq kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tat-30 ta' Novembru 2013 fejn fost affarijiet oħra, wara li qasmu diversi beni mmobbli provenjenti lilhom mill-wirt ta' Elizabeth

Cauchi, hemm miftiehem li ghandhom jinqasmu bejn l-ahwa Cauchi, l-oggetti tad-deheb u l-flus li kienu jappartjenu lill-mejta Elizabeth Cauchi sa mhux iktar tard mill-ahhar ta' Marzu 2014.

Illi dawn l-oggetti jikkonsistu f'lista tal-oggetti li kienu ngabru mill-Qorti fis-7 ta' Marzu 2011, kif ukoll lista oħra ta' oggetti tad-deheb u metall prezzjuz, flimkien ma' somma ta' Lm2804 li kienu jappartjenu lil Elizabeth Cauchi. Din l-ahhar lista, li kopja taghha qeghdha tigi annessa ma' din l-ittra uffiċjali bħala Dokument A, kienet giet redatta mill-konvenuta Joyce Farrugia u l-oggetti hemm indikati kienu ġew ikkonsenjati lilha bl-ghan li din tiddepozitahom il-Bank pendenti l-qasma.

Jirrizulta wkoll li dawn l-oggetti baqgħu qatt ma gew iddepozitati l-Bank u Joyce Farrugia, qeghdha issa tirrifjuta li ggib dawn l-oggetti u flus ghall-qasma.

U peress li l-atturi jridu li sseħħ id-divizjoni ta' dawn l-oggetti kollha;'

Talbu ghalhekk li din il-Qorti:

(1) 'Tordnalhom jersqu għad-divizjoni tal-oggetti mobbli kollha, inkluz deheb, hagar prezzjuż u flus kontanti provenjenti lilhom mill-wirt u suċċessjoni ta' Elizabeth Cauchi, okkorrendo ad opera ta' periti nominandi sabiex jiffurmaw hames porzjonijiet ta' valur kemm jista' jkun ugwali ta' dawn l-oġġetti li jittellghu bix-xorti bejn il-partijiet, u dan, jekk ikun hemm bżonn permezz ta' hlas ta' ekwiparazzjoni f'każ li ma jigux stabbiliti porzjonijiet ta' valur ezattament ugwali;

(2) Tordnalhom sabiex għal dan il-ghan kull wieħed u wahda jgibu ghad-divizjoni l-oggetti kollha nkluz deheb, hagar prezzjuz u flus kontanti provenjenti minn dan il-wirt li jinsab fil-pussess taghhom;

(3) Fin-nuqqas, okkorrendo, ad opera ta' periti nominandi, tordnalhom ihallsu somma flus li tkun kemm jista' jkun ugwali għall-valur tal-oġġetti li jinsabu fil-pussess taghhom.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, li ghaliha minn issa msejhin.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra nterpellatorja tat-21 ta' Frar 2014 u tal-ittra ufficcjali ta' Marzu 2014, kontra taghhom. '

Illi permezz tar-risposta tieghu l-konvenut John Cauchi eccepixxa kif isegwi:

'1. In linea preliminari din il-Qorti hija nkompetenti *ratione valoris* billi l-valur tal-oggetti tad-deheb u tal-flus kollha li hemm in divizjoni bejn il-partijiet huwa ta' aktar minn hdax-il elf sitt mija u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmi (€11,646.87);

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pegudizzju ghall-premess hemm l-intempestivita' tal-azzjoni billi skont il-kuntratt li ghalih jaghmlu riferenza l-atturi l-partijiet kienu marbutin li jaghmlu d-divizjoni sal-ahhar ta' Marzu, u l-atturi pprezentaw il-kawza fi stadju promatur u qabel ma effettivmanet kien ghalaq iz-zmien stabbilit fil-kuntratt li fih kellha ssir il-qasma;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, mhix konsentita divizjoni parzjali jekk mhux bil-kunsens tal-kondividenti kollha. L-atturi qeghdin jitolbu d-divizjoni 'tad-deheb, hagar prezzjuz u flus kontanti provvenjenti mill-wirt u successjoni ta' Elizabeth Cauchi minghajr ma qeghdin jitolbu li jinqasmu assi ohra li ghad hemm ghall-qasma bejniethom fosthom il-karozza li kienet tappartjeni lid-decujus u d-depoziti u l-investiment li hemm fil-banek f'isem il-mejta li kellhom jinqasmu wkoll avolja mhumiex flus kontanti;

4. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti qatt m' oppona li ssir il-qasma ta' dak kollu li kien ghad fadal li jinqasam mill-eredita' ta' ohtu Elizabeth Cauchi u ghaldaqstant m'ghandu jbati l-ebda spejjez ta' din il-procedura.

Salv twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez. '

Illi permezz tar-risposta taghhom l-konvenuti Mary Jane Attard u Francesca Cauchi eccepew kif isegwi:

(1) 'Illi l-kawza *de quo* hija ntempestiva għall-ahhar stante illi fil-verita' l-esponenti qatt ma rrifjutaw jew altrimenti xekklu l-qasma tal-oggetti tad-deheb u l-flus li kienu jappartjenu lill-mejta Elizabeth Cauchi, u dana kif sejjer jirrizulta fil-mori ta' dina l-procedura;

(2) Illi fil-mertu mbaghad, u konsegwentement għal dak premess, l-esponenti ma jopponux ghal tali qasma purche' dina tkun tirrifletti dak li huwa espressament

miktub fil-kuntratt ta' divizjoni ta' bejn il-partijiet u cioe` il-kuntratt tat-30 ta' Novembru, 2013 fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech (gia pprezentat bhala Dok B);

(3) Illi f'dina l-qasma, u dejjem konsegwentement ghal dak premess, l-esponenti jirrilevaw illi hemm diversi oggetti ohra ta' deheb u flus appartenenti lid-decujus Elizabeth Cauchi li ghandhom jingabu lura ghall-qasma kif ukoll hemm djun ohrajn li ghandhom jithallsu mill-eredita` qabel ma jigi stabbilit l-ammont tal-flus li ghandu jinqasam bejn l-eredi;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt permessi mil-liġi.

Bl-ispejjez kontra l-attur u bl-ingunzjoni għas-subizzjoni.'

Illi l-istess konvenuti Mary Jane Attard u Francesca Bugeja ipprevalew ruhhom mid-dritt ai termini tal-artikolu 396 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u pprezentaw il-kontro-talba segwenti fil-konfront ta' l-atturi kollha u tal-konvenut l-iehor John Cauchi kif isegwi:

1. 'Illi jirrizulta illi l-eredita` ta' Elizabeth Cauchi kienet tikkomprendi ferm iktar deheb u flus minn dawk indikati mill-atturi fit-talbiet taghhom. Illi jirrizulta illi l-istess atturi u l-konvenut l-iehor diga' hadu u zammew fil-pussess taghhom diversi oggetti ta' deheb u flus u l-konsistenza ta' tali deheb u flus ser jirrizulta matul is-smiegh tal-kawza;

2. Illi in oltre jirrizulta ukoll illi ghad baqa' djun li fost l-ohrajn jinkludu:

(i) l-hlasijiet ta' dawl u ilma li s'issa ghadhom ma thallsux; kif ukoll

(ii) hlasijiet lil Josephine Farrugia li serviet bhala kunsinnjatarju ta' diversi oggetti ta' deheb li ngabru mir-Registru tal-Qorti ta' Malta ghal diversi snin;

3. Illi in oltre l-istess kuntratt ta' qasma jistabilixxi bl-iktar mod car illi l-vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni CBD648 kellha tinbiegh sal-ahhar ta' Marzu tas-sena korrenti u l-prezz kellu jinqasam bejn il-werrieta kollha;

Jghidu ghaldaqstant l-atturi l-għala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara illi l-assi konsistenti fi flus u deheb tad-decujus Elizabeth Cauchi kienu ferm iktar minn dawk li huma ndikati fit-talbiet tal-istess atturi u li l-istess

atturi u l-konvenut l-iehor diga' hadu u qed izommu fil-pussess taghhom oggetti konsistenti f'deheb u flus;

(2) Tordna lill-istess atturi u l-konvenut l-iehor sabiex jirritornaw d-deheb u l-flus li jirrizulta li gia ttiehdu minnhom;

(3) Tiddikjara li l-istess eredita' ghad baqalha djun konsistenti fost l-ohrajn f'kontijiet ta' dawl u ilma u hlasijiet lill-kunsinnjatarju Josephine Farrugia;

(4) Tordna lill-eredi kollha sabiex ihallsu tali djun mill-assi ereditarji;

(5) Konsegwentement tordna l-qsim bejn l-ahwa tal-oggetti kollha tad-deheb u l-bilanc tal-flus rizultanti bejn l-eredi kollha ai termini tal-imsemmi kuntratt;

(6) Tordna l-bejgh tal-vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni CBD648 u konsegwentement li r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji u tal-ittra ufficcjali, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-atturi kontra tiegħek.'

Illi l-atturi Carmel Cauchi u Emanuel Cachia ipprezentaw ir-risposta segwenti ghall-kontro-talba ta' Mary Jane Attard u Francesca Bugeja kif isegwi:

'Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba huma assolutament infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

Illi mhux minnu li l-esponenti ghandhom fil-pussess taghhom xi deheb jew flus;

Illi lanqas huwa minnu li l-esponenti huma tenuti jhallsu xi kontijiet ta' dawl u ilma;

Illi meta Josephine Farrugia accettat li zzomm taht idejha l-oggetti tad-deheb li ngabru mill-Qorti hija giet ikkumpensata dak il-hin stess, fuq it-triq lura minn Malta. Wara dan iz-zmien hija kellha tpoggi dan id-deheb fil-bank, u mhux izzommu hija taht il-pussess taghha – haga li hija rrifjutat li taghmel, tant li l-esponenti kienu kostretti jipprezentaw mandat ta' qbid kontra taghha sabiex jipprelevaw dan id-

deheb minghandha. Ghaldaqstant isegwi li hija ma tistax tippretendi li ghandha tithallas;

Illi dwar il-vettura CBD 648, l-esponenti qatt m'oggezzjonaw li din tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn l-eredi. Il-problema qeghdha fil-fatt li ma nstab l-ebda xerrejja ghal din il-vettura. L-esponenti jiddikjaraw li huma lesti li din il-vettura tinbiegh bi kwalsiasi mezz, anki permezz ta' rkant, u jekk ma jinsabx kumpratur, lesti jaghtu l-kunsens taghhom sabiex l-istess vettura tigi skrappjata u inqered ghal kollox.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-dritt u fil-fatt.'

Rat ir-risposta tal-konvenut John Cauchi ghall-kontro-talba tal-konvenuti l-ohra kif isegwi:

'Illi l-esponenti jerga' jaghmel referenza ghall-eccezzjonijiet minnu sollevati fir-risposta tieghu ghat-talbiet principali, liema eccezzjonijiet partikolarment l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet jinsabu sostnuti b'dak li gie dikjarat fil-kontro-talba tal-istess konvenuta Mary Jane Attard, u ghat-talbiet taghha l-esponenti qed isostni l-istess eccezzjonijiet fi-rigward tal-kontro-talba wkoll.'

Rat illi fil-verbal ta' din l-Qorti datat 18 ta' Gunju 2014 ntlaqghet it-talba sabiex jibdew jinstemghu l-provi unikament fuq l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-konvenut John Cauchi u cioe' dik tal-inkompetenza ta' din il-qorti *rationae valoris* liema eccezzjoni tqajjmet kemm fil-konfront tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba;

Rat illi gie nominat is-Sur George Meilak sabiex jelenka u jevalwa l-oggetti kollha tad-deheb f'somma globali li kienu jinsabu fis-*safe deposit box* tal-Bank of Valletta, fir-Rabat, Ghawdex;

Rat illi rrizulta li kien hemm zewg *safe deposit boxes* u mhux wahda u din il-Qorti laqghet it-talba sabiex l-espert nominat minnha jivvaluta l-oggetti fiz-zewg kaxxi;

Rat illi fil-mori tal-kawza nbieghet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBD 648 ghall-prezz maqbul bejn il-partijiet ta' tmien mitt euro (€800);

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti minnhom;

Rat ir-rapport tal-espert George Mejlak a fol. 115 tal-process;

Rat illi ghalkemm il-partijiet kienu talbu t-taxxa *come ceduta* in vista tal-valuri li rrizultaw fl-atti tal-kawza finalment il-partijiet ma qablux fuq kif kellha tinhadem l-istess taxxa u l-partijiet kollha qablu li din il-kawza kellha tmur ghad-decizjoni ghal-lum fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut John Cauchi dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti *rationae valoris* diretta kemm fil-konfront tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-avviz promotorju (fol. 1 et seq) jitlob li jinqasmu l-oggetti kollha mobbli, inkluz d-deheb, hagar prezzjuz u flus li kienu jappartjenu lill-mejta Elizabeth Cauchi;

Illi rrizulta mill-atti li l-oggetti kollha mobbli appartenenti lill-mejta Elizabeth Cauchi u li kienu jiffurmaw parti mid-divizjoni fil-gurnata li giet prezentata l-kawza odjerna kienu:

1. Il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBD 648 li nbieghet fil-mori tal-kawza ghall-prezz ta' tmien mitt euro (€800) (ara nota a fol. 64 tal-process u xhieda ta' George Borg a fol. 104 tal-process);

2. L-oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz li skont l-espert mqabbad minn din il-Qorti s-Sur George Mejlak, il-valur komplessiv taghhom jammonta ghal sitt elef, mitejn u wiehed u disghin Euro (€6,291) (ara fol. 112);

3. Id-depoziti bankarji f'isem id-decujus li fit-total jammontaw ghal hdax-il elf, disa' mija u erba' u tletin Euro u disa' u tmenin centezmu €11,934.89 (ara xhieda u dokumenti a fol 71 sa 103 tal-process).

Jirrizulta ghalhekk li l-valur kumplessiv tal-oggetti mobbli taghhom intalbet id-divizjoni permezz ta' din il-kawza jammontaw ghal dsatax-il elf, hamsa u ghoxrin Euro u disa' u tmenin centezmu (€19,025.89).

Illi ai termini tal-artikoli 47 u 50 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti fl-attribuzzjoni inferjuri taghha ghandha l-kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni ta' pretensjonijiet kollha sa l-ammont massimu ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87);

Huwa ghalhekk evidenti, li la darba l-valur kumplessiv tal-oggetti mobbli f'din il-kawza jeccedi ferm l-ammont ta' hadx-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), li din il-Qorti m'hix kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi l-pretensjoni kontenuta fl-Avviz promotorju.

Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba (fol. 38 sa 40) tal-konvenuti Mary Jane Attard u Francesca Bugeja in partikolari l-ewwel talba tinvolvi li jigu vvalutati l-oggetti kollha mobbli tad-*decujus* li kif gia nghad jammontaw ghas-somma ta' dsatax-il elf, hamsa u ghoxrin Euro u disgha u tmenin centezmu (€19,025.89). Jirrizulta ghalhekk li anki fil-kontro-talba din il-qorti m'ghandiex il-kompetenza sabiex tisma' u tiddeciedi l-istess pretensjoni.

Illi filwaqt li din il-Qorti tista' tifhem li l-atturi Cauchi fil-mument li pprezentaw l-Avviz setghu ma kienux jafu l-ammont ezatt tal-valur tal-oggetti nvoluti fil-kawza u hadu r-riskju li jipprezentaw il-kawza fil-Qorti Inferjuri ghalkemm rrizulta li d-decizjoni taghhom kienet wahda hazina, jirrizulta lil din il-Qorti li l-konvenuti Mary Jane Attard u Francesca Bugeja kienu jafu ben tajjeb li l-valur tal-mobbli nvoluti kienu ferm aktar tant li prezentaw il-kontro-talba sabiex effettivament jigi dikjarat li dawn kienu jiswew aktar ciononostante ghamlu l-izball li pprezentaw kontro-talba quddiem din il-Qorti minflok rikors guramentat quddiem il-Qorti Superjuri.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, u stante li l-partijiet ma kienux kapaci jaslu ghall-ftehim lanqas dwar kif kellha tinhadem it-taxxa *come ceduta* f'din il-kawza, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li tiddeciedi dan il-punt ta' ligi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut John Cauchi u tiddikjara li mhix kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kontenuti kemm fit-talba kif ukoll fil-kontro-talba.

Fic-cirkustanzi, l-ispejjez tal-espert George Mejlak stante li dawn ghandhom ukoll uzu ai fini ta' divizjoni ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet kollha cioe' divizi b'hamsa, l-ispejjez rimanenti tat-talba u tar-risposti ghat-talba ghandhom jigu sopportati mill-atturi filwaqt li l-ispejjez tal-kontro-talba u tar-risposti ghall-kontro-talba ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti Mary Jane Attard u Francesca Bugeja.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------